

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1283

ta' 24 ta' Awwissu 2018

li tistabbilixxi regoli dwar il-format u l-iskedi ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' rapporti annwali
dwar il-ġbir tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura

(notifikata bid-dokument C(2018) 5270)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-setturi tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom għall-ġbir tad-*data* fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura.
- (2) Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004, il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar il-proċeduri, il-format u l-iskedi ta' żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' dawk ir-rapporti.
- (3) Għal dak il-għan, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ⁽²⁾ u r-rappreżentanti tal-Istati Membri fi gruppi ta' esperti apposta.
- (4) Il-korrispondenti nazzjonali għall-ġbir tad-*data* ddiskutew abbozz ta' format u skedi ta' żmien għar-rapporti annwali dwar il-ġbir tad-*data* fil-laqgħa tagħhom tal-21 ta' Frar 2018.
- (5) Il-format tar-rapporti annwali ġie stabbilit minn qabel bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ⁽³⁾, li issa tħassar u nbidel mir-Regolament (UE) 2017/1004. Dak il-format, li kien ibbażat fuq l-evalwazzjoni tal-iSTECF ⁽⁴⁾, jenħtieġ li jiġi aġġornat u allinjat mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1004. F'dak il-kuntest, huwa xieraq li jitqiesu r-rekwiżiti tad-*data* l-aktar reċenti tal-2017-2019 stipulati fil-programm pluriennali tal-Unjoni dwar il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-*data* fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura ⁽⁵⁾.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2017/1004 ma jispeċifikax data ta' skadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali. Sabiex tippermetti l-iżvelar f'waqtu tal-eżiti tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għall-ġbir tad-*data* u l-forniment f'waqtu

⁽¹⁾ ĠUL 157, 20.6.2017, p. 1.

⁽²⁾ *Compilation of the new DCF annual report template*, STECF Report 17-17 (Ottubru 2017), JRC 109375, ISBN 978-92-79-67489-1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-setturi tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠUL 60, 5.3.2008, p. 1).

⁽⁴⁾ *Evaluation of proposals to revise DCF national programmes for 2016*, STECF Report 16-01 (Janjar 2016), JRC 100350, ISBN 978-92-79-56778-0, p. 22.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 tat-12 ta' Lulju 2016 li tadotta programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' *data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura għall-perjodu 2017-2019 (ĠU L 207, 1.8.2016, p. 113).

tad-*data* lill-utenti aħħarin, din l-iskadenza issa għandha tiġi stabbilita bħala l-31 ta' Mejju ta' kull sena. Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' din l-iskadenza fis-sena 2018, il-mudell previst minn din id-Deċiżjoni tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri fl-4 ta' April 2018 u l-Istati Membri qablu li jissottomettu r-rapporti tagħhom fl-2018 sal-31 ta' Mejju.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontenut tar-rapporti annwali

1. Ir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għall-ġbir tad-*data* għas-sena 2017 u s-snin sussegwenti fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004, għandhom jiġu sottomessi skont il-format stipulat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rapport annwali għandu jkun imsejjes fuq it-Tabelli u l-Kaxxi Testwali tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali dwar il-ġbir tad-*data* adottati li tfasslu skont il-format stabbilit mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1701 ⁽¹⁾ u għandu jinkludi l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa għar-rappurtar annwali skont din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Korrelazzjoni mal-programm pluriennali tal-Unjoni

Il-korrelazzjoni bejn it-tabelli u l-programm pluriennali tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1004 ("il-programm pluriennali tal-Unjoni"), it-tabelli u t-test tal-pjan ta' ħidma u t-tabelli u t-test tar-rapport annwali hija stabbilita fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kompilazzjoni tar-rapport annwali

1. Sabiex jiġi kkompilat ir-rapport annwali, l-Istati Membri għandhom qabelxejn jittrasferixxu l-informazzjoni dwar il-programm tal-ġbir tad-*data* mill-pjanijiet ta' ħidma adottati lejn it-Tabella u l-Kaxxa Testwali korrispondenti tar-rapport annwali kif jistipula l-Anness I. Minn hemm 'il quddiem, għandhom jimlew il-kolonna addizzjonali, li huma enfasizzati bil-griż f'dak l-Anness, li jirreferu biss għar-rappurtar.

2. Meta jħejju r-rapport annwali, l-Istati Membri ma għandhom jeditjaw ebda valur fit-Tabella jew fil-Kaxxi Testwali li joriġinaw mill-pjanijiet ta' ħidma aċċettati tagħhom, bl-eċċezzjoni ta':

(a) It-Tabelli 1H, 2 A, 3 A, 3B, li għalihom l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi pprovduta b'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni:

(1) Sabiex jiġi determinat l-impatt tal-attività tas-sajd fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar, skont il-punt 3(c) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom iżidu ringiela dwar il-ġbir tad-*data* dwar il-kontenuti tal-istonku fit-Tabella 1H;

(2) Sabiex jiġu speċifikati l-varjabbli tal-attività tas-sajd, skont il-punt 4 tal-Kapitolu III u t-Tabella 4 tal-programm pluriennali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jimlew żewġ kolonna ġodda fit-Tabella 2 A;

(3) Sabiex jiġi rrapportat ir-ragruppament ta' varjabbli ekonomiċi għall-flotta, skont il-punt 5 tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jimlew kolonna ġdida fit-Tabella 3 A;

(4) Sabiex jiġi speċifikat it-tip ta' limitu sa fejn ma tinġabarx *data* dwar l-akkwakultura, skont il-punt 5 tal-Kapitolu V tal-programm pluriennali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jimlew kolonna ġdida fit-Tabella 3B.

(b) It-tabelli 5 A, 5B u 7B, li fihom l-Istati Membri għandhom jirriflettu fir-rapporti annwali fejn l-informazzjoni fit-tabelli rilevanti tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tjiebet jew inbidlet.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1701 tad-19 ta' Awwissu 2016 li tistabbilixxi r-regoli dwar il-format għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma għall-ġbir tad-dejta fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 260, 27.9.2016, p. 153).

- (c) Ir-rappurtar fuq il-varjabbli li ġejjin, li dwarhom l-Istati Membri għandhom jagħtu informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta':
- (1) l-impatt tas-sajd fuq il-habitats tal-baħar, skont il-punt 3(b) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni, billi jagħtu l-informazzjoni dwar il-livell ta' attività tas-sajd miġbura mill-VMS/id-*data* tal-ġurnal ta' abbord jew sorsi oħra, fit-Tabella 2 A;
 - (2) l-intensità tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi, skont il-punt 2(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni, fil-Kaxxa Testwali 1C;
 - (3) is-sajd ta' rikreazzjoni, skont il-punt 2(a)(iv) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni, fil-Kaxxa Testwali 1D;
 - (4) il-qbid sekondarju inċidentali ta' tjur, mammali, rettili u ħut, skont il-punt 3(a) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni, fil-Kaxxa Testwali 1F;
 - (5) il-qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-*data* bijoloġika, skont l-Artikolu 5, il-paragrafu 2(a), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701, fil-Kaxxa Testwali 5 A;
 - (6) il-qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-*data* soċjoekonomika, skont l-Artikolu 5, il-paragrafu 2(b), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701, fil-Kaxxa Testwali 5B;
3. L-ebda informazzjoni addizzjonali ma għandha tkun meħtieġa fil-kompilazzjoni tar-rapport annwali b'rabta mat-Tabelli li ġejjin tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali:
- (a) It-Tabella 1B, dwar l-ippjanar tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi,
 - (b) It-Tabella 4B, dwar id-deskrizzjoni tal-qafas tal-kampjunar għad-*data* bijoloġika, u
 - (c) it-Tabella 4D, dwar il-postijiet tal-ħatt l-art.

Artikolu 4

L-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma għall-ġbir tad-*data* għas-sena ta' qabel.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

KONTENUT

Taqsimha 1: *Data* Bijoloġika

Tabella 1A: Lista tal-istokkijiet meħtieġa

Tabella 1B: Ippjanar tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi

Tabella 1C: Intensità tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi

Kaxxa Testwali 1C: Intensità tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi

Tabella 1D: Sajd rikreattiv

Kaxxa Testwali 1D: Sajd rikreattiv

Studju Pilota 1: Is-sehem relattiv tal-qabdiet tas-sajd rikreattiv meta mqabbla mas-sajd kummerċjali

Tabella 1E: Ġbir ta' *data* dwar speċi anadromi u katadromi fl-ilma ħelu

Kaxxa Testwali 1E: Ġbir ta' *data* dwar speċi anadromi u katadromi fl-ilma ħelu

Tabella 1F: Qabda aċċessorja incidental ta' għasafar, mammiferi, rettili u ħut

Kaxxa Testwali 1F: Qabda aċċessorja incidental ta' għasafar, mammiferi, rettili u ħut

Studju Pilota 2: Livell tas-sajd u l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq ir-riżorsi bijoloġiċi u l-ekosistema tal-baħar

Tabella 1G: Lista ta' stħarriġiet ta' riċerka fuq il-baħar

Kaxxa Testwali 1G: Lista ta' stħarriġiet ta' riċerka fuq il-baħar

Tabella 1H: Ġbir u disseminazzjoni ta' *data* mill-istħarriġ ta' riċerka

Taqsimha 2: *Data* dwar l-Attività tas-Sajd

Tabella 2A: Strateġija għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli tal-attività tas-sajd

Kaxxa Testwali 2 A: Strateġija għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli tal-attività tas-sajd

Taqsimha 3: *Data* Ekonomika u Soċjali

Tabella 3A: Segmenti tal-popolazzjoni għall-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali dwar il-flotta tas-sajd

Kaxxa Testwali 3 A: Segmenti tal-popolazzjoni għall-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali għas-sajd

Studju Pilota 3: *Data* dwar l-impjiegi skont il-livell edukattiv u n-nazzjonalità

Tabella 3 B: Segmenti tal-popolazzjoni għall-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali għall-akkwakultura

Kaxxa Testwali 3B Segmenti tal-popolazzjoni għall-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali għall-akkwakultura

Studju Pilota 4: *Data* ambjentali dwar l-akkwakultura

Tabella 3C: Segmenti tal-popolazzjoni għall-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali għall-industrija tal-ipproċessar

Kaxxa Testwali 3C: Segmenti tal-popolazzjoni għall-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali għall-industrija tal-ipproċessar

Taqsimha 4: Strateġija ta' kampjunar għad-*data* bijoloġika mis-sajd kummerċjali

Tabella 4A: Deskrizzjoni tal-pjan ta' kampjunar għad-*data* bijoloġika

Kaxxa Testwali 4 A: Deskrizzjoni tal-pjan ta' kampjunar għad-*data* bijoloġika

Tabella 4B: Deskrizzjoni tal-qafas ta' kampjunar għad-*data* bijoloġika

Tabella 4C: *Data* dwar is-sajd skont l-Istat Membru

Tabella 4D: Postijiet tal-ħatt

Taqsimha 5: Il-kwalità tad-*data*

Tabella 5A: Qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-*data* bijoloġika

Kaxxa Testwali 5A: Qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-*data* bijoloġika

Tabella 5B: Qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-*data* soċjoekonomika

Kaxxa Testwali 5B Qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-*data* soċjoekonomika

Taqsimha 6: Disponibbiltà tad-*Data*

Tabella 6A: Disponibbiltà tad-*data*

Taqsimha 7: Koordinazzjoni

Tabella 7A: Koordinazzjoni reġjonali u internazzjonali ppjanata

Tabella 7B: Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-ftehimiet

Tabella 7C: Ftehimiet bilaterali u multilaterali

Kumment ġenerali: Din it-Tabella tissodisfa l-paragrafu 2 punt (a) (i)(ii)(iii) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din it-Tabella hija maħsuba sabiex tispeċifika d-*data* li għandha tinġabar taħt it-Tabelli 1(A), 1(B) u 1(C) tal-programm multiannwali tal-Unjoni. Uża din it-Tabella biex tagħti ħarsa ġenerali tal-ġbir ta' *data* fil-livell taż-żona/stokk tal-ispeċi. L-individwi kollha inklużi fil-kampjun għandhom jiġu identifikati fil-livell tal-ispeċi u jitteħdilhom kejl tat-tul, fejn ikun possibbli.

Kumment ġenerali: Din it-Tabella hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din it-Tabella għandha tipprovdi rekord ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti tal-ħatt l-art fis-sena kampjunarja, meta mqabbel mal-medja fuq il-perjodu ta' referenza - jekk ikollu impatt fuq kwalunkwe kampjunar.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Stat Membru	L-isem tal-Istat Membru għandu jingħata bħala kodiċi ISO 3166-1 alpha-3, pereżempju "DEU".
Snin referenzjarji	L-Istat Membru għandu jirrapporta s-sena/snin li għaliha/għalihom attwalment tirreferi d- <i>data</i> . L-Istat Membru għandu jagħżel l-aktar 3 snin riċenti b' <i>data</i> disponibbli. Aġti s-sena/snin referenzjarji bħala "2013-2015".
Speċi	L-Istat Membru għandu jirrapporta (bil-Latin) l-isem tal-ispeċijiet/stokkijiet li għalihom ikun meħtieġ kampjunar tal-varjabbli bijoloġiċi skont it-Tabelli 1(A), 1(B) u 1(C) tal-programm multiannwali tal-Unjoni, għaż-żoni kollha fejn tkun qiegħda topera l-flotta tas-sajd tal-Istat Membru.
Reġjun	L-Istat Membru għandu jirreferi għall-konvenzjoni tal-ismijiet użata fit-Tabella 5(C) tal-programm multiannwali tal-Unjoni (livell II). Jekk l-informazzjoni tirreferi għar-reġjuni kollha, daħħal "ir-reġjuni kollha".
RFMO/RFO/IO	L-Istat Membru għandu jdaħħal l-akronimu tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), l-Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd (RFO) jew l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (IO) kompetenti sabiex jipprovdu ġestjoni/parir dwar l-ispeċi/stokk. pereżempju RFMO: ICCAT, GFCM, NAFO pereżempju RFO: CECAF pereżempju IO: ICES Jekk ma tkun applikabbli l-ebda RFMO, RFO jew IO, tintuża "NA" (mhux applikabbli)
Żona/Stokk	L-Istat Membru għandu jindika ż-żona tal-ispeċi/stokk imsemmija, skont it-Tabelli 1(A), 1(B) u 1(C) tal-programm pluriennali tal-Unjoni (pereżempju GSA 16; Iż-żoni tal-ICES I, II; Iż-żoni tal-ICES IIIa, IV, VIId, eċċ).
Magħżula għall-kampjunar (L/I)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk l-ispeċi/stokk ikun intgħażlu għall-kampjunar. Indika "I" (iva) jekk l-ispeċi/stokk ikunu ntgħażlu għall-kampjunar għal mill-anqas varjabbli wieħed tat-Tabella 1B ta' dan l-Anness.
Ħatt medju fis-snin ta' referenza (tunnellati)	Il-ħatt medju għal kull speċi u stokk matul l-aktar perjodu referenzjarju riċenti ta' tliet (3) snin. Meta jkun qiegħed idaħħal id- <i>data</i> dwar il-ħatt, l-Istat Membru għandu jikkunsidra l-konvenzjonijiet li ġejjin: Jekk l-ispeċi ma tinhattx, f'dak il-każ daħħal "Xejn". Jekk il-ħatt l-art medju jkun ta' anqas minn 200 t, iddaħħalx iċ-ċifra tal-ħatt medju, iżda minflok daħħal "< 200". Jekk il-ħatt l-art medju jaqbeż il-200 t, daħħal iċ-ċifra tal-ħatt medju għall-aktar perjodu referenzjarju riċenti ta' tliet (3) snin. Iċ-ċifri tal-ħatt medju jstgħu jingħataw għad-dritt sal-eqreb 5 jew 10 t.
TAC tal-UE (jekk hemm) (%)	Tapplika biss għal stokkijiet li jkunu soġġetti għal Regolamenti dwar it-TAC u l-kwoti. F'din il-kolonna l-Istat Membru għandu: — niżżel "Xejn", jekk l-Istat Membru ma jkollu l-ebda sehem fit-TAC tal-UE għall-istokk ikkonċernat — niżżel is-sehem eżatt jekk l-Istat Membru jkollu sehem fit-TAC tal-UE għall-istokk ikkonċernat.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Sehem (%) fil-qabdiet li jinħattu l-art tal-UE	Japplika għal (i) l-istokkijiet kollha fil-Mediterran; u (ii) l-istokkijiet kollha barra l-Mediterran li għalihom ikunu għadhom ma ġew definiti ebda TACs. F'din il-kolonna l-Istat Membru għandu: — niżżel "Xejn", jekk l-Istat Membru ma jkollu l-ebda ħatt l-art tal-istokk ikkonċernat, — niżżel is-sehem eżatt, jekk l-Istat Membru jkollu ħatt l-art tal-istokk ikkonċernat, f'każ li l-Istat Membru jkun irid jinwoka limitu.
Limitu (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "T" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi/stokk irrappurtati, japplikax limitu, skont il-Kapitolu V tal-programm multiannwali tal-Unjoni.
Kummenti	Kwalunkwe kumment ieħor.
Bidliet fi speċijiet għall-ħatt l-art	L-Istat Membru għandu b'mod mhux obligatorju jiddeskrivi fil-qosor kwalunkwe bidla fil-ħatt l-art li kellha impatt fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma, meta mqabbla ma' dawk li jidhru fil-Pjan ta' Ħidma.

Tabella 1B

Ippjanar tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi

																	WP years			2017-2019						
																	AR year									
MS	Species	Region	RFMO/ RFO/IO	Area/ Stock	Frequency	Length			Age			Weight			Sex ratio			Sexual maturity			Fecundity			Comments		
						2017	2018	2019	2017	2018	2019	2017	2018	2019	2017	2018	2019	L102	8102	2019	L102	8102	2019			

Kumment ġenerali: Din it-Tabella tissodisfa l-paragrafu 2 punt (a) (i)(ii)(iii) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din it-Tabella hija maħsuba sabiex tispeċifika d-*data* li għandha tinġabar taħt it-Tabelli 1(A), 1(B) u 1(C) tal-programm multiannwali tal-Unjoni. Għall-ispeċijiet elenkati f'din it-Tabella, għandhom jinġabru il-parametri bijoloġiċi (tul, età, piż, proporzjon tas-sessi, maturità u fekondità). Għal kull parametru u sena, daħħal "X" jekk il-ġbir tad-*data* jkun sar jew ikun ippjanat. Din it-tabella għandha tippermetti li jiġi identifikat fl-istat sena/snin se tinġabar id-*data* mill-Istat Membru.

Kumment ġenerali: Din it-Tabella mhix applikabbli għar-Rapport Annwali.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Stat Membru	L-isem tal-Istat Membru għandu jingħata bħala kodiċi ISO 3166-1 alpha-3, pereżempju "DEU".
Speċi	Uża l-isem bil-Latin. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ispeċijiet/stokkijiet li għalihom huwa obbligatorju l-kampjunar tal-varjabbli bijoloġiċi skont ir-rekwiżiti tat-Tabelli 1 A, 1B u 1C tal-[Programm Pluriennali tal-UE], għaż-żoni kollha fejn tkun qiegħda topera l-flotta tas-sajd tal-Istat Membru.
Reġjun	Ir-reġjun għandu jingħata skont it-tikkettar tar-reġjuni fit-Tabella 5C tal-[Programm Pluriennali tal-UE] (eż. "Baltiku", "Baħar tat-Tramuntana u Arktiku tal-Lvant", eċċ. Jekk rakkomandazzjoni tkun tapplika għar-reġjuni kollha, niżżel "reġjuni kollha").
RFMO/RFO/IO	L-Istat Membru għandu jniżżel l-akronimu tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), l-Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd (RFO) jew l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (IO) kompetenti sabiex jipprovdi ġestjoni/parir dwar l-ispeċi/stokk. eż. RFMO: ICCAT, GFCM... eż. RFO: NAFO,... eż. IO: ICES, ... Jekk ma tkun applikabbli l-ebda RFMO, RFO jew IO, tintuża "NA" (jiġifieri mhux applikabbli)
Żona/Stokk	L-Istat Membru għandu jindika ż-żona tas-sajd tal-ispeċi/stokk imsemmija (pereżempju GSA 16; Iż-żoni tal-ICES I, II; Iż-żoni tal-ICES IIIa, IV, VIId; eċċ.).
Età	L-Istat Membru għandu jindika s-sena/snin li fihom jkunu se jittieħdu kampjuni tad- <i>data</i> dwar l-età.
Piż	L-Istat Membru għandu jindika s-sena/snin li fihom ikunu se jittieħdu kampjuni tad- <i>data</i> dwar il-piż.
Proporzjon tas-sessi	L-Istat Membru għandu jindika s-sena/snin li fihom ikunu se jittieħdu kampjuni ta' informazzjoni dwar il-proporzjon bejn is-sessi.
Maturità sesswali	L-Istat Membru għandu jindika s-sena/snin li fihom ikunu se jittieħdu kampjuni ta' informazzjoni dwar il-maturità sesswali.
Fekondità	L-Istat Membru għandu jindika s-sena/snin li fihom ikunu se jittieħdu kampjuni il-fekondità.
Kummenti	Kwalunkwe kumment ieħor.

Kumment ġenerali: Din it-tabella tissodisfa l-paragrafu 2 punt (a) (i) (ii) (iii) tal-Kapitolu III, Kapitolu IV tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 4 paragrafu 1 u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din it-Tabella hija maħsuba sabiex tispeċifika d-*data* li għandha tinġabar taħt it-Tabelli 1(A), 1(B) u 1(C) tal-programm multiannwali tal-Unjoni. Spjega l-istrategġja ta' kampjunar ipplanata fir-rigward tal-varjabbli bijoloġiċi.

Kumment ġenerali: Din it-Tabella hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din it-Tabella jenħtieġ li tipprovi informazzjoni dwar l-għadd ta' ħut imkejjel flimkien mal-għadd ta' kampjuni għal kull żona/stokk tal-ispeċi, il-parametri bijoloġiċi u l-iskema tal-kampjunar. Speċi ġodda, mhux inklużi fil-Pjan ta' Ħidma aċċettat, jistgħu jiġu miżjudha bħala ringieli addizzjonali fi tmiem it-Tabella.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Stat Membru	L-isem tal-Istat Membru għandu jingħata bħala kodiċi ISO 3166-1 alpha-3, pereżempju "DEU".
Stati Membri parteċipanti fil-kampjunar	Jekk l-attività li tagħha jittieħed kampjun tkun twettqet skont programm ikkoordinat b'mod reġjonali, għandhom jiġu elenkati l-Istati Membri kollha parteċipanti. Inkella, għandu jiġi elenkat l-Istat Membru responsabbli għall-kampjunar. Il-links għall-koordinazzjoni reġjonali u internazzjonali ppjanata jew għall-ftehimiet bilaterali jew multilaterali, fejn ikunu disponibbli, għandhom jiġu elenkati fil-"Kummenti"
Sena tal-kampjunar	L-Istat Membru għandu jispeċifika s-sena jew is-snin għall-oġġettivi ppjanati. Snin differenti għandhom jiġu indikati fringieli differenti tat-Tabella. Għandhom jiġu inklużi s-snin kollha kkonċernati.
Speċi	L-Istat Membru għandu jirrapporta (bil-Latin) l-isem tal-ispeċijiet/stokkijiet li għalihom ikun meħtieġ kampjunar tal-varjabbli bijoloġiċi skont it-Tabelli 1(A), 1(B) u 1(C), għaż-żoni kollha fejn tkun qiegħda topera l-flotta tas-sajd tal-Istat Membru.
Reġjun	L-Istat Membru għandu jirreferi għall-konvenzjoni tal-ismijiet użata fit-Tabella 5(C) tal-programm multiannwali tal-Unjoni (livell II). Jekk l-informazzjoni tirreferi għar-reġjuni kollha, daħħal "ir-reġjuni kollha".
RFMO/RFO/IO	L-Istat Membru għandu jdaħħal l-akronimu tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), l-Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd (RFO) jew l-Organizzazzjoni Internazzjonali (IO) kompetenti sabiex jipprova għestjoni/parir dwar l-ispeċi/stokk. eż. RFMO: ICCAT, GFCM, NAFO pereżempju RFO: CECAF pereżempju IO: ICES Jekk ma tkun applikabbli l-ebda RFMO, RFO jew IO, tintuża "NA" (jiġifieri mhux applikabbli)
Żona/Stokk	L-Istat Membru għandu jindika ż-żona tas-sajd tal-ispeċi/stokk imsemmija (pereżempju GSA 16; Iż-żoni tal-ICES I, II; Iż-żoni tal-ICES IIIa, IV, VIIId, eċċ).
Varjabbli	L-Istat Membru għandu jirrapporta l-varjabbli tat-tul, l-età, il-piż, il-proporzjon tas-sessi, il-maturità sesswali u l-fekondità, kif mogħtija fit-Tabella 1B ta' dan l-Anness. Il-kombinazzjoni tal-speċi u l-varjabbli kif indikat fit-Tabella 1B ta' dan l-Anness għandha taqbel ma' din l-informazzjoni.
Sorsi tad- <i>data</i>	L-Istat Membru għandu jagħti deskrizzjoni permezz ta' kelma prinċipali tas-sorsi prinċipali tad- <i>data</i> (pereżempju Stħarriġ, kampjuni kummerċjali, kampjuni tas-suq, kampjuni tal-qbid skartat, eċċ.). L-Istat Membru għandu jirrapporta separatament il-kampjunar ipplanat għas-"sajd kummerċjali" u għall-"istħarriġ".
Numru minimu ppjanat ta' individwi li għandhom jitkejlu fuq livell nazzjonali	L-Istat Membru għandu jiddikjara n-numru minimu totali ppjanat ta' ħut li għandu jitkejjel fuq livell nazzjonali. Uża l-"Kummenti" sabiex tiddefinixxi fil-qosor il-metodoloġija użata sabiex jinkisbu dawn il-valuri (pereżempju kampjunar preċedenti, simulazzjoni, eċċ.).

Isem tal-varjabbli	Gwida
Numru minimu ppjanat ta' individwi li għandhom jitkejlu fuq livell reġjonali	L-Istat Membru għandu jiddikjara n-numru minimu ppjanat ta' ħut għall-kampjunar bħala parti minn skema kkoordinata b'mod reġjonali jekk tkun teżisti waħda jew, inkella, tintuża "NA" (mhux applikabbli). Uża l-"Kummenti" sabiex tiddefinixxi fil-qosor il-metodoloġija użata sabiex jinkisbu dawn il-valuri (pereżempju kampjunar preċedenti, simulazzjoni, eċċ.).
Kummenti	Kwalunkwe kumment ieħor.
Numru miksub ta' individwi mkejjeġ fil-livell nazzjonali	L-Istat Membru għandu jiddikjara n-numru totali ta' ħut mkejjeġ fil-livell nazzjonali.
% ta' kisbiet (100*M/I)	Mhi meħtieġa l-ebda azzjoni mill-Istat Membru. Mili awtomatiku biċ-ċifri miksuba vs ippjanati.
Numru miksub ta' kampjuni	L-Istat Membru għandu jiddikjara n-numru tal-kampjuni li minnhom ikun ġej in-numru ta' individwi.
Il-protokoll tal-kampjunar	L-Istat Membru għandu jiddeskrivi fil-qosor il-metodoloġija użata biex jikseb dawn il-valuri (eż. 10 ind/qabda, mass. ta' 50 ind/kaxxa (comm. Cat), 5 ind/cm/tliet xhur).
Kummenti fir-RA	Kummenti dettaljati dwar id-devjazzjonijiet (< 90 % and > 150 % minn dawk ippjanati) jenħtieġ li jiġu inklużi hawn. Iż-żieda ta' speċijiet, li għalihom il-kampjunar ma kienx ippjanat, jenħtieġ li tkun ġġustifikat b'mod ċar f'din il-kolonna.

Kaxxa Testwali 1C

Intensità tal-kampjunar għall-varjabbli bijoloġiċi

Kumment ġenerali: Din il-kaxxa tissodisfa l-paragrafu 2 punt (a) (i) (ii) (iii) tal-Kapitolu III, Kapitolu IV tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 4 paragrafu 1 u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din il-kaxxa hija applikabbli għar-Rapport Annwali.

L-Istat Membru jenħtieġ li jipprovdni skont ir-Reġjun/RFMO/RFO/IO:

1. Evidenza ta' assigurazzjoni tal-kwalità tad-data

L-evalwazzjoni tal-kwalità tista' titwettag biss jekk l-informazzjoni li ġejja mit-Tabella 5A hija disponibbli. Jekk dan ma jkunx il-każ, Stat Membru għandu jipprovdni ħarsa ġenerali billi jagħti informazzjoni dwar il-metodoloġija użata biex tkun żgurata l-kwalità tad-*data* miġbura.

pereżempju:

Id-disinn u l-protokoll tal-kampjunar isegwu r-riżultati tal-gruppi tal-esperti dwar il-kampjunar.

L-użu ta' standard komuni ta' kriterji miftiehma ma' pajjiżi/gruppi oħrajn.

L-użu ta' pakketti jew għodod speċjali (eż. COST ...) għall-kalkoli.

L-użu ta' protokoll tal-kampjunar għall-ħażna tad-*data*.

L-użu ta' protokoll tal-kampjunar għall-ipproċessar tad-*data*.

L-użu xieraq ta' tekniki statistiċi esplorattivi li jidentifikaw sitwazzjonijiet anormali u reġistri anormali.

2. Devjazzjonijiet mill-Pjan ta' Ħidma

L-Istati Membri jeħtieġ li jelenkaw id-devjazzjonijiet (jekk hemm) fil-ġbir ta' *data* miksuba meta mqabbla ma' dak li kien ippjanat fil-Pjan ta' Ħidma u jispjegaw ir-raġunijiet għad-devjazzjonijiet. Il-limiti għad-devjazzjoni jsegwu dawk stabbiliti fir-RA ta' qabel: < 90 % u > 150 %.

Spjega kwalunkwe devjazzjoni mill-elementi li ġejjin proposti:

- l-intensità tal-kampjunar,
- il-metodu magħżula għall-ġbir tad-*data*.
- il-metodi użati għall-istima tal-parametri.

Ir-raġunijiet ġenerali għal devjazzjonijiet mill-Pjan ta' Hídma f'termini ta' dak ippjanat vs. dak miksub jeh'tieġ li jkunu miġbura fil-qosor f'din it-taqsim, filwaqt li kummenti ddetaljati dwar id-devjazzjonijiet fir-rigward tal-ispeċijiet/stokkijiet partikolari għandhom jiġu inklużi fil-kolonna tal-Kummenti tar-RA fit-Tabella 1C.

F'każ li Stat Membru jżid speċijiet ġodda li mhumiex inklużi fil-Pjan ta' Hídma, dan għandu jiġi spjegat u ġġustifikat b'mod ċar.

3. Azzjonijiet biex jiġu evitati devjazzjonijiet.

Stat Membru jiddeskrivi l-azzjonijiet li jkunu se jiġu kkunsidrati jew li ttieħdu biex jiġu evitati devjazzjonijiet fil-futur u meta dawn l-azzjonijiet huma mistennija li jipproduċu effett. Jekk ma jkun hemm ebda devjazzjoni, allura din it-taqsim mhijiex applikabbli.

(mhux aktar minn 1 000 kelma għal kull Reġjun/RFMO/RFO/IO)

Tabella 1D

Sajd rikreattiv

MS	Sampling year	Area/EMU	RFMO/ RFO/IO	Species	Applicable (Species present in the MS?)	Reasons for not sampling	Threshold (Y/N)	Annual esti- mate of catch? (Y/N)	Annual percentage of released catch? (Y/N)	Collection of catch compo- sition data? (Y/N)	Type of Survey	Comments
	2017	North Sea and Eastern Arctic	ICES	Gadus mor- hua	Y			Y	Y	Y	National estimates of numbers of trips & on- site surveys of catch per unit effort	
	2017	North Sea and Eastern Arctic	ICES	Anguilla an- guilla	Y			Y	Y	Y	National estimates of numbers of angler & angler diaries	
	2017	North Sea and Eastern Arctic	ICES	Sharks	N			Y	Y	Y	National estimates of numbers of trips & on- site surveys of catch per unit effort	
	2017	Baltic Sea	ICES	Elasmo- branches	Y	No catches		N	N			
		North Atlantic	ICES									
		North Atlantic	ICES									
		Mediterranean Sea and Black Sea	GFCM									

											WP years	2017-2019
											AR year	
MS	Unique Survey ID or Name of sampling scheme (Linked to Table 5A)	Is the survey part of a pilot study or part of an established programme?	Frequency	Is the sampling design documented? (Linked to Table 5A)	Are non-response and refusal recorded? (Linked to Table 5A)	Are the editing and imputation methods documented? (Linked to Table 5A)	Estimation of the yearly weight and numbers of catch (Y/N)	Estimation of the yearly percentage release (Y/N)	Collection of catch composition data (Y/N)	Evaluated by external experts/bodies (Y/N)	Conform with accepted standards Y/N	AR Comments

Kumment ġenerali: Din it-Tabella tissodisfa l-paragrafu 2 punt (a) (iv) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 paragrafu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din it-tabella hija maħsuba sabiex tispeċifika d-data li għandha tinġabar taħt it-Tabella 3 tal-programm pluriennali tal-Unjoni, li tinkludi wkoll qabdiet rikreattivi fil-baħar u fl-ilma ħelu għal speċi anadromi u katadromi.

Kumment ġenerali: Din it-Tabella hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din it-Tabella jeħtieġ li tipprovdi informazzjoni dwar skemi ta' kampjunar għas-sajd rikreattiv implimentati mill-Istati Membri.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Stat Membru	L-Istat Membru għandu jingħata bħala kodiċi ISO 3166-1 alpha-3, pereżempju "DEU"
Sena tal-kampjunar	L-Istat Membru għandu jispeċifika s-sena għall-kampjunar ippjanat.
Żona/EMU	L-Istat Membru għandu jirreferi għall-konvenzjoni tal-ismijiet użata fit-Tabella 3 tal-programm multiannwali tal-Unjoni Fil-każ tas-sallur, għandha tiġi rrapportata l-Unità ta' Ġestjoni tas-Sallur (EMU).
RFMO/RFO/IO	L-Istat Membru għandu jdaħħal l-akronimu tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), l-Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd (RFO) jew l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (IO) kompetenti sabiex jipprovdu ġestjoni/parir dwar l-ispeċi/stokk. eż. RFMO: ICCAT, GFCM, NAFO pereżempju RFO: CECAF pereżempju IO: ICES Jekk ma tkun applikabbli l-ebda RFMO, RFO jew IO, tintuża "NA" (jiġifieri mhux applikabbli)
Speċi	L-Istat Membru għandu jirrapporta (bil-Latin, fejn ikun possibbli) l-isem tal-ispeċi li għaliha jkun meħtieġ kampjunar tas-sajd rikreattiv skont it-Tabella 3 tal-programm multiannwali tal-Unjoni jew identifikat minn studji pilota u/jew minn ħtiġijiet ta' ġestjoni għas-sajd rikreattiv (skont ir-reġjun). Għandhom jiġu inklużi l-ispeċijiet kollha anki jekk l-ispeċi(jiet) ma tkunx/ikunux preżenti fl-Istat Membru.
Applikabbli (Speċi preżenti fl-Istat Membru?)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk l-ispeċi tkunx preżenti fl-Istat Membru.
Raġunijiet għan-nuqqas ta' kampjunar	Jekk l-ispeċi tkun preżenti fl-Istat Membru, iżda ma tinġabarx, l-Istat Membru għandu jindika r-raġuni(jiet) (test liberu) għan-nuqqas ta' kampjunar ta' din l-ispeċi, b'referenzi speċifiċi fejn ikun xieraq (pereżempju speċi mhux preżenti fiż-żona, regolamenti/liġijiet fil-pajjiż, tissodisfa l-limitu mitlub, eċċ.).
Limitu (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemmija, japplikax limitu, skont il-Kapitolu V tal-programm multiannwali tal-Unjoni.
Stima totali tal-qabda? (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemmija, tkunx ippjanata stima annwali tal-qabda (piż u/jew numri).
Perċentwal annwali ta' qabda rilaxxata? (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemmija, ikunx ippjanat il-perċentwal annwali ta' qabda rilaxxata (rata ta' ħut rilaxxat).

Isem tal-varjabbli	Gwida
Ġbir ta' <i>data</i> dwar il-kompożizzjoni tal-qabda? (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemija, tkunx ippjanata l-kompożizzjoni tal-qabda (pereżempju l-istruttura tat-tul).
Tip ta' Stħarriġ	L-Istat Membru għandu jindika t-tipi ta' stħarriġ li se jitwettqu sabiex tinġabar <i>data</i> dwar is-sajd rikreattiv (pereżempju stħarriġ fuq il-post, stħarriġ bit-telefon, djarji tas-sajd, eċċ. jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn).
Kummenti	Kwalunkwe kumment ieħor.
ID tal-Istħarriġ uniku jew isem l-iskema ta' kampjunar (Marbuta mat-Tabella 5A)	L-Istat Membru għandu jagħti l-isem tal-iskema ta' kampjunar. Din tista' attwalment tiġi identifikata fil-parti tal-Pjan ta' Ħidma tat-Tabella 1D taħt il-kolonna bit-titlu "tip ta' stħarriġ". L-Istat Membru għandu jivverifika li t-tipi kollha ta' stħarriġiet imsemija fit-Tabella 1D, huma inklużi fit-Tabella 5A. Jekk dan ma jkunx il-każ, jekk jogħġbok irreferi għall-kaxxa testwali 1D tar-RA.
L-istħarriġ huwa parti minn studju pilota jew parti minn programm stabbilit?	L-Istat Membru għandu jgħid jekk din l-informazzjoni tkunx ġejja minn "Pilota" jew "Rutina".
Frekwenza	L-Istat Membru għandu jindika l-frekwenza tal-istħarriġ: "Kull sena", "Kull sentejn", "Kull tliet snin" eċċ.
Il-mod kif jittieħdu l-kampjuni huwa dokumentat? (Marbuta mat-Tabella 5A)	Jekk l-isem tal-iskema tal-kampjunar (ara l-kolonna "Isem l-iskema tal-kampjunar") huwa inkluż fit-Tabella 5A, l-Istat Membru għandu jindika b"i" (iva). Jekk le, l-Istat Membru għandu jindika b"l" (le) u jsegwi l-istruzzjonijiet fil-kaxxa testwali 1D "Tip tal-Istħarriġ" tar-RA.
In-nuqqas ta' tweġibiet u r-rifjuti huma rreġistrati? (Marbuta mat-Tabella 5A)	Jekk l-isem tal-iskema tal-kampjunar (ara l-kolonna "Isem l-iskema tal-kampjunar") huwa inkluż fit-Tabella 5A, l-Istat Membru għandu jindika b"i" (iva). Jekk le, l-Istat Membru għandu jindika b"l" (le) u jsegwi l-istruzzjonijiet fil-kaxxa testwali 1D "Kwalità tad-Data" tar-RA.
Il-metodi tal-editjar u tal-impurtazzjoni huma dokumentati? (Marbuta mat-Tabella 5A)	Jekk l-isem tal-iskema tal-kampjunar (ara l-kolonna "Isem l-iskema tal-kampjunar") huwa inkluż fit-Tabella 5A, l-Istat Membru għandu jindika b"i" (iva). Jekk le, l-Istat Membru għandu jindika b"l" (le) u jsegwi l-istruzzjonijiet fil-kaxxa testwali 1D "Analiżi u Proċessar tad-Data" tar-RA.
L-istima annwali tal-piż u l-għadd ta' ħut maqbud (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemija, ikunx stmata għas-sena kampjunarja n-numri u l-piż tal-qabda annwali (ftunnellati).
L-istima annwali perċentwali ta' rilaxx (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemija, tkunx stmata għas-sena kampjunarja l-istima annwali perċentwali ta' rilaxx.
Ġbir ta' <i>data</i> dwar il-kompożizzjoni tal-qabda (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk, għall-ispeċi msemija, tkunx stmata għas-sena kampjunarja d-data dwar il-kompożizzjoni tal-qabda.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Evalwazzjoni minn esperti/korpi esterni (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "T" (iva) jew "L" (le) jekk l-istħarriġ ikunx għe evalwat minn esperti/korpi esterni. Jekk it-tweġiba tkun I (iva), identifika l-evalwatur (eż. WGRFS) fil-kolonna tal-Kummenti tar-RA.
Konformità ma' standards aċċettati (I/L)	Indika permezz ta' I (iva) jew L (le) jekk l-istħarriġ evalwat minn esperti/korpi esterni, isegwix standards aċċettati.
Kummenti fir-RA	Kwalunkwe kumment ieħor.

Kaxxa Testwali 1D

Sajd rikreattiv

Kumment ġenerali: Din il-kaxxa tissodisfa l-paragrafu 2 punt (iv) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4, paragrafu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din il-kaxxa hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din il-kaxxa hija maħsuba biex tipprovdi informazzjoni dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-analiżi tal-komponenti kollha tal-iskemi ta' kampjunar/stħarriġiet li huma elenkati fit-Tabella 1D.

1. Deskrizzjoni tal-popolazzjoni fil-mira

Il-popolazzjoni fil-mira u l-aċċessibbiltà tal-elementi ta' din il-popolazzjoni fil-mira, jeħtieġ li jiġu definiti u deskritti f'din it-taqsim. Fil-każ tas-Sajd Rikreattiv, il-popolazzjoni fil-mira tista' tkun il-popolazzjoni kollha tas-sajjeda sportivi residenti, id-dgħajjes chartered, eċċ. Dan jippermetti li jiġi evalwat jekk is-setturi kollha li jikkontribwixxu għall-qabda totali humiex inklużi fl-istħarriġ.

2. Tip ta' Stħarriġ

Fit-Tabella 1D, il-metodoloġija jew tip ta' stħarriġ użati jridu jiġu inklużi, iżda kwalunkwe informazzjoni dwar id-disinn titħalla barra.

It-Tabella 5A fil-Pjan ta' Ħidma tippermetti li jiġi identifikat jekk id-disinn tal-kampjunar hux dokumentat u fejn dan jista' jinstab. L-istħarriġiet huma identifikati b'mod korrett fit-tabella 5A u l-informazzjoni dwar il-kampjunar hija mogħtija taħt din it-tabella?

Jekk it-tweġiba hija Le: l-informazzjoni dwar id-disinn jeħtieġ li tiġi inklużi f'din it-taqsim tar-Rapport Annwali (eż.: stratifikazzjoni, selezzjoni tal-PSU, jekk hemmx bażi ta' probabbiltà ta' kampjunar, eċċ.).

3. Il-kwalità tad-data

Informazzjoni dwar in-nuqqas ta' tweġibiet u r-rifjuti tinsab fil-Pjan ta' Ħidma, Tabella 5A. In-nuqqas ta' tweġibiet u r-rifjuti huma rreġistrati fit-tabella 5A?

Jekk it-tweġiba hija Le: l-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' nuqqas ta' tweġibiet u r-rifjuti jeħtieġ li tiġi inklużi f'din it-taqsim tar-Rapport Annwali.

4. L-Analiżi u l-ipproċessar tad-Data

Informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data tinsab fil-Pjan ta' Ħidma, Tabella 5A. Il-metodi tal-editjar u tal-imputazzjoni huma dokumentati u identifikati?

Jekk it-tweġiba hija Le: l-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' stima jeħtieġ li tiġi inklużi f'din it-taqsim tar-Rapport Annwali, wara l-mistoqsijiet li ġejjin:

Il-proċedura ta' stima ssegwi id-disinn tal-istħarriġ?

Il-preċiżjoni tal-istimi ġiet ikkalkulata u dokumentata?

(mhux aktar minn 900 kelma għal kull stħarriġ)

Studju Pilota 1

Is-sehem relattiv tal-qabdiet tas-sajd rikreattiv meta mqabbla mas-sajd kummerċjali

Kumment ġenerali: Din il-Kaxxa tissodisfa l-paragrafu 4 tal-Kapitolu V tal-programm multiannwali tal-Unjoni u l-Artikolu 2 u l-Artikolu 4 paragrafu (3) punt (a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701.

Kumment ġenerali: Din il-kaxxa hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din il-kaxxa hija maħsuba biex tipprovdi informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-istudju pilota.

1. Għan tal-istudju pilota
2. Tul ta' żmien tal-istudju pilota
3. Metodoloġija u riżultati mistennija tal-istudju pilota

(mhux aktar minn 900 kelma)

Deskrizzjoni qasira tar-riżultati miksubin (inklużi d-devjazzjonijiet mill-previżjonijiet u ġustifikazzjoni għaliex jekk dan ma kienx il-każ).

4. Il-kisba tar-riżultati mistennija tal-istudju pilota oriġinali u ġustifikazzjoni jekk dan ma kienx il-każ.
5. Inkorporazzjoni tar-riżultati minn studju pilota f'kampjunar regolari mill-Istat Membru.

(mhux aktar minn 900 kelma)

Tabella 1E

Ġbir ta' data dwar speċi anadromi u katadromi fl-ilma ħelu

MS	Sampling period	Area	RFMO/RFO/IO	Species	Applicable (Y/N)	Reasons for not sampling	Water Body	Life stage	Fishery/Independent data collection	Method
	2017-2020	Baltic	NASCO	Salmo salar			RIVER AAA	parr	I	electrofishing
	2017-2020	Baltic	NASCO	Salmo salar			RIVER AAA	smolt	I	trap
	2017-2020	Baltic	NASCO	Salmo salar			RIVER AAA	adult	I	counter
	2017-2020	Baltic	NASCO	Salmo salar			RIVER AAA	adult	F	sampling
	2017-2020	Baltic	ICES	Anguilla anguilla			RIVER EEE	glass	I	electrofishing
	2017-2020	Baltic	ICES	Anguilla anguilla			RIVER EEE	yellow	I	trap
	2017-2020	Baltic	ICES	Anguilla anguilla			RIVER EEE	silver	I	counter
	2017-2020	UK Northern	ICES	Anguilla anguilla			N/A	glass	F	sampling
	2017-2020	UK Northern	ICES	Anguilla anguilla			N/A	yellow	I	trap
	2017-2020	UK Northern	ICES	Anguilla anguilla			N/A	silver	I	electrofishing

									WP years	2017-2019
									AR year	
MS	Unit	Planned nos	Frequency	Comments	Achieved numbers	% of achievement (100*P/M)	Reasons for non-conformity	Survey ID	Agreed at RCG level?	AR Comments
	n. sites	40			40	100	N/A		Y	
	n. smolts	4 000			3 900	98	total run < target		N	
	n. counter	1			0	0	equipment failure		Y	
	n. samples	100			100	100	N/A		N	
	n. sites	40			40	100	N/A		Y	
	n. smolts	4 000			3 500	88	staff availability		N	
	n. counter	1			1	100	N/A		Y	
	n. samples	100			87	87	funding		N	
	n. traps	1			1	100	N/A		Y	
	n. sites	20			19	95	weather		N	

Kumment ġenerali: Din it-tabella tissodisfa l-paragrafu 2 punt (b) (c) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 paragrafu (1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din it-Tabella hija maħsuba sabiex tispeċifika d-*data* li għandha tinġabar taħt it-Tabella 1(E) tal-programm multiannwali tal-Unjoni. Uża din it-Tabella biex tagħti ħarsa ġenerali tad-*data* li għandha tinġabar dwar is-sajd kummerċjali fl-ilma ħelu għal speċi anadromi u katadromi.

Kumment ġenerali: Din it-Tabella hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din it-Tabella jeħtieġ li tipprovdi informazzjoni dwar in-numri miksuba, testi qosra li jispjegaw kwalunkwe nuqqasijiet ta' konformità mal-Pjan ta' Ħidma, il-kodiċi tal-ID tal-Istħarriġ, u jekk il-ġbir ta' *data* ġiex miftiehem fil-livell Reġjonali.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Stat Membru	L-isem tal-Istat Membru għandu jingħata bħala kodiċi ISO 3166-1 alpha-3, pereżempju "DEU".
Sena tal-kampjunar	L-Istat Membru għandu jispeċifika l-perjodu għall-kampjunar ippjanat.
Żona	Fil-każ tas-sallur, għandha tiġi rrapportata l-"EMU" (Unità ta' Ġestjoni tas-Sallur). Għall-każijiet l-oħra kollha, għandu jiġi rrapportat il-baċir idrografiku.
RFMO/RFO/IO	L-Istat Membru għandu jdaħħal l-akronimu tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), l-Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd (RFO) jew l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (IO) kompetenti sabiex jipprovdu ġestjoni/parir dwar l-ispeċi/stokk. pereżempju RFMO: ICCAT, GFCM, NAFO pereżempju RFO: CECAF pereżempju IO: ICES Jekk ma tkun applikabbli l-ebda RFMO, RFO jew IO, tintuża "NA" (mhux applikabbli)
Speċi	L-Istat Membru għandu jirrapporta (bil-Latin) l-isem tal-ispeċi. Għandhom jiġu rrapportati l-ispeċijiet kollha anki jekk l-ispeċi(jiet) ma tkunx/ikunux preżenti fl-Istat Membru.
Applikabbli (I/L)	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" (le) jekk l-ispeċi tkunx preżenti fl-Istat Membru jew jekk is-sajd ta' din l-ispeċi jkunx ipprojbit.
Raġunijiet għan-nuqqas ta' kampjunar	Jekk l-ispeċi tkun preżenti fl-Istat Membru, iżda ma tinġabarx, l-Istat Membru għandu jindika r-raġuni(jiet) (test liberu) għan-nuqqas ta' kampjunar ta' din l-ispeċi (pereżempju speċi mhux preżenti fiż-żona, regolamenti/liġijiet fl-Istat Membru, tissodisfa l-limitu mitlub, eċċ.).
Korp tal-ilma	L-Istat Membru għandu jimla bl-isem tax-xmara/sistema magħżula (pereżempju x-xmara indiċi).
Stadju tal-ħajja	L-Istat Membru għandu jindika l-istadju tal-ħajja tal-ispeċi (pereżempju adulta, ħġieġ, fidda, eċċ.).
Ġbir ta' <i>data</i> mis-Sajd/Indipendenti	L-Istat Membru għandu jindika jekk id- <i>data</i> tkunx se tinkiseb minn qabdiet kummerċjali (sajd) jew minn sorsi li mhumiex qabdiet kummerċjali (indipendenti).
Metodu	L-Istat Membru għandu jindika s-sors(i) tad- <i>data</i> (pereżempju nassa, counter, ġurnali ta' abbord, eċċ. jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn il-metodi) li minnhom tkun se tinkiseb id- <i>data</i> .
Unità	Għal kull metodu, għandha tiġi indikata l-unità ppjanata tar-rappurtar tad- <i>data</i> (pereżempju in-numru ta' nases, in-numru ta' counters, in-numru ta' sajd bl-elettriku, eċċ.).
Numri ppjanati	L-Istat Membru għandu jindika l-oġġettiv kwantitattiv ippjanat (f-numri) għall-unità magħżula.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Frekwenza	L-Istat Membru għandu jindika l-frekwenza li biha jkun se jsir il-kampjunar ("M" (kull xahar), "Q" (kull tliet xhur), "A" (kull sena), "O" (oħrajn) – jekk jogħġbok speċifika).
Kummenti	Kwalunkwe kumment ieħor.
Numri miksuba	L-Istat Membru għandu jindika l-oġettiv kwantitattiv miksub (f'numri) għall-unità magħżula.
% ta' kisbiet (100*P/M)	Mhi meħtieġa l-ebda azzjoni mill-Istat Membru. Il-kolonna timtela b'mod awtomatiku.
Ir-raġuni għal nuqqas ta' konformità	Jekk Ippjanat/Miksub ≠ 1, l-Istati Membru għandu jagħmel referenza hawn għall-Kaxxa Testwali 1E, fejn l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu r-raġunijiet u l-azzjonijiet meħuda biex itaffu n-nuqqas ta' konformità.
ID tal-istħarriġ	L-Istat Membru għandu jindika l-ID tal-istħarriġ, skont is-sistema segwenti: Kodiċi tal-ID tal-istħarriġ: Is-sors tal-MS-SPP-Habitat-Gear-Data, skont is-segwenti: — kodiċi tal-FAO għall-pajjiżi (ISO 3): ara http://www.fao.org/countryprofiles/iso3list/en/ — kodiċi tal-FAO għall-ispeċi: Sallura Ewropea (ELE), salamun tal-Atlantiku (SAL), trota tal-baħar (TRS) — kodiċi tal-habitat: baħar (MAR), ilma ħelu (FRW) — kodiċi tal-FAO tal-irkaptu tas-sajd: ara http://www.fao.org/fishery/docs/DOCUMENT/cwp/handbook/annex/AnnexM2fishinggear.pdf — Sors tad-data: sajd kummerċjali, sajd rikreattiv, indipendenti mis-sajd.
Maqbul fuq livell ta' RCG?	L-Istat Membru għandu jindika permezz ta' "I" (iva) jew "L" jekk ikunx hemm qbil fil-livell reġjonali sabiex jittieħdu kampjuni ta' korp tal-ilma.
Kummenti fir-RA	Kwalunkwe kumment ieħor.

Kaxxa Testwali 1E

Ġbir ta' data dwar speċi anadromi u katadromi fl-ilma ħelu

Kumment ġenerali: Din il-kaxxa tissodisfa l-paragrafu 2 punti (b) u (c) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701.

Kumment ġenerali: Din il-kaxxa hija applikabbli għar-Rapport Annwali.

Metodu magħżul għall-ġbir tad-data.

(mhux aktar minn 250 kelma għal kull Żona)

In-numru ppjanat inkiseb? Iva/Le

Jekk iwieġeb Le, Stat Membru għandu jispjega għaliex le, u x'miżuri ttieħdu sabiex jiġi evitat nuqqas ta' konformità.

(mhux aktar minn 500 kelma għal kull Żona)

Tabella 1F

Qabda aċċessorja inċidentali ta' għasafar, mammiferi, rettili u ħut

MS	Sampling period/year(s)	Region	RFMO/RFO/IO	Sub-area/ Fishing ground	Scheme	Stratum ID code/Name of the survey	Group of vulnerable species	Expected occurrence of recordings	Comments	Total number of PSU in the sampling year	Achieved number of PSU in the sampling year
ESP	2017-2019	North Sea and Eastern Arctic	ICES	I-II	At sea		all	X			
ESP	2017-2019	North Sea and Eastern Arctic	ICES		at market		all	X			
ESP	2017-2019	North Sea and Eastern Arctic	ICES				all	X			
ESP	2017-2019	North Sea and Eastern Arctic	ICES								

										WP years	2017-2019	
										AR year		
				Has there be occurrence of bycatch?								
MS	Number of PSU sampled in which observers have been instructed to look for bycatch	Does your sampling protocol allow for the calculation of observation effort "at haul level" (Y/N)	Is there any mitigation device? (Y/N)	Fish (Y/N/NA)	Mammals (Y/N/NA)	Birds (Y/N/NA)	Reptiles (Y/N/NA)	Other (Y/N/NA)	Are data stored in a national database?	Are data stored in international database(s)?	AR Comments	
ESP												
ESP												
ESP												
ESP												

Kumment Ġenerali: Din it-tabella tissodisfa l-paragrafu 3 punt (a) tal-Kapitolu III tal-programm pluriennali tal-Unjoni u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1701. Din it-Tabella hija maħsuba sabiex tispeċifika d-data li trid tinġabar taħt it-Tabella 1(D) tal-programm pluriennali tal-Unjoni. Spjega l-istrateġija pplanata ta' kampjunar

Kumment Ġenerali: Din it-Tabella hija applikabbli għar-Rapport Annwali. Din it-Tabella jeħtieġ li tipprovdi data dwar il-qabdiet aċċessorji inċidentali, il-kopertura u l-ħażna tagħha, għal kull tip ta' sajd. Stat Membru għandu jirrapporta dwar l-attivitajiet fuq l-istrati kollha tal-baħar, kif elenkat fit-Tabella 4 A tal-Pjan ta' Ħidma.

Isem tal-varjabbli	Gwida
Stat Membru	L-isem tal-Istat Membru għandu jingħata bħala kodiċi ISO 3166-1 alpha-3, pereżempju "DEU".
Perjodu/sena/snin ta' kampjunar	L-Istat Membru għandu jispeċifika l-perjodu għall-kampjunar ippjanat. Agħti s-sena/s-nin kampjunarji bħala "2017-2018".
Reġjun	L-Istat Membru għandu jirreferi għall-konvenzjoni tal-ismijiet użata fit-Tabella 5(C) tal-programm pluriennali tal-Unjoni (livell II). Jekk l-informazzjoni tirreferi għar-reġjuni kollha, daħħal "ir-reġjuni kollha".
RFMO/RFO/IO	L-Istat Membru għandu jdaħħal l-akronimu tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), l-Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd (RFO) jew l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (IO) kompetenti sabiex jipprovdu ġestjoni/parir dwar l-ispeċi/stokk. eż. RFMO: ICCAT, GFCM, NAFO pereżempju RFO: CECAF pereżempju IO: ICES Jekk ma tkun applikabbli l-ebda RFMO, RFO jew IO, tintuża "NA" (jiġifieri mhux applikabbli)
Subżona/Post għas-sajd	L-Istat Membru għandu jindika ż-żona tas-sajd tal-ispeċi/stokk imsemmija (pereżempju GSA 16; Iż-żoni tal-ICES I, II; Iż-żoni tal-ICES IIIa, IV, VIIId, eċċ).
Skema	L-Istat Membru għandu jindika l-iskema ta' kampjunar: "fis-swieq", "fuq il-baħar", kombinazzjoni taż-żewġ metodi jew "oħrajn". Il-valuri għandhom jaqblu ma' dawk ir-rappurtati fit-Tabella 4 A u fit-Tabella 4B ta' dan l-Anness, sakemm ma jkunx hemm fis-seħħ skemi diretti.
